**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 443/2021 NC**

**Doreen Azzopardi**

**vs.**

**Leslie Vella**

Illum il-ħamsa (5) ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi Doreen Azzopardi (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-attriċi żżewġet lill-konvenut fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999).*

*2. Illi matul iż-żwieġ tagħhom twieldet tifla bl-isem ta' Shania Vella fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) u li llum il-ġurnata għandha wieħed u għoxrin (21) sena.*

*3. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 15 ta' Jannar tas-sena 2002, in atti Nutar Patricia Vella Haber, il-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok A.*

*4. Illi fil-ħames klawsola tal-att hawn fuq imsemmi, il-konvenut obbliga ruħu li minn meta jsib impjieg jew jibda jipperċepixxi introjtu, huwa jivversa manteniment fis-somma ta' għoxrin Lira Maltin (Lm20) ekwivalenti għal sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) fil-ġimgħa għat-tifla Shania.*

*5. Illi l-konvenut kien impjegat u kien jipperċepixxi introjtu f'xi żmien bejn is-sena elfejn u tnejn (2002) u s-sena elfejn u sbatax (2017), madankollu ma vversa l-ebda manteniment lill-attriċi għal binthom Shania.*

*6. Illi għalhekk il-konvenut naqas milli josserva l-obbligi tiegħu naxxenti mill-imsemmi kuntratt.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara illi l-konvenut naqas mill-obbligu tiegħu li jmantni lil bintu Shania bejn is-snin 2002 u 2017 minkejja li kien impjegat u dan skont klawsola numru 5 tal-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-15 ta' Jannar 2002 in atti tan-Nutar Patricia Vella Haber.*

*2. Tillikwida I-ammont ta' manteniment li kellu jithallas mill-konvenut għal bintu Shania skont klawsola numru ħamsa (5) tal-kuntratt tas-separazzjoni personali hawn fuq ċitat.*

*3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas I-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż ta' din l-istanza u tal-mandati kawtelatorji u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-sena 2002."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut Leslie Vella (*a fol.* 16 *et seq.*) ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2021 fejn jingħad hekk:

*"1. Illi fl-ewwel lok, minkejja l-ġurament meħud mill-attriċi in rigward ta' paragrafu 5, dan hu totalment inkorrett in kwantu l-esponent għamel numru ta' snin iħallas, u kien biss wara li l-attriċi waslet fi qbil u aċċettat li l-esponent jieqaf jgħaddi l-imsemmi manteniment li huwa imbagħad waqaf iħallas.*

*2. Illi bla preġudizzju, l-azzjoni attriċi hija milquta bil-preskrizzjoni tal-5 snin a tenur ta' l-Artikolu 2165[1] tal-Kodiċi Ċivili.*

*3. Illi bla preġudizzju, l-attriċi ma kinitx korretta mal-Qorti meta talbet ħlas ta' manteniment għaż-żmien li hi tħallset u saħansitra għaż-żmien li bintha Shania kienet taħdem meta allura ebda manteniment ma kien dovut.*

*4. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u kif ser jintwera fil-kawża dawn il-proċeduri saru in mala fede, u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Semgħet ix-xhieda u rat l-affidavits ippreżentati mill-partijiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 83 *et seq.*) ippreżentata mill-attriċi Doreen Azzopardi fl-10 ta' Mejju 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 92 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenut Leslie Vella fl-14 ta' Ġunju 2022.

Semgħet, fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 91), lill-konsulent legali tal-konvenut jiddikjara li kien qed jirtira l-ewwel (1) eċċezzjoni hekk kif eċċepita fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut u

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet mogħti waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 100) fis-sens illi l-artikolu ġie jaqra: *"Artikolu 2156 partikolarment paragrafi (b) u (f)."*

dana kif jirriżulta wkoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021, ġie ppreżentat affidavit tal-attriċi **Doreen Azzopardi** (*a fol.* 22 *et seq*.) fejn tgħid li hija u l-konvenut Leslie Vella għandhom tifla bl-isem ta' Shania li twieldet fis-6 ta' Jannar 2000 u eżebiet ċertifikat tat-twelid in sostenn ta' dan, liema ċertifikat ġie mmarkat bħala Dok. "A" (*a fol.* 24). Tgħid li hija u l-konvenut isseparaw meta t-tifla kellha sentejn u tispeċifika li sseparaw fil-15 ta' Jannar 2002. Tirreferi għal klawsola ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni u tgħid li skont din il-klawsola l-konvenut kellu l-obbligu li meta jsib impjieg jew ikollu xi tip ta' dħul huwa jibda jħallas manteniment għat-tifla, liema manteniment kien jammonta għal għoxrin lira Maltin (Lm20.00) (ekwivalenti għal sitta u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59)) fil-ġimgħa. Tixhed li minn meta hi u l-konvenut isseparaw, il-konvenut qatt ma ħallas manteniment ħlief xi erba' jew sitt darbiet fejn tgħid li ħallas għoxrin lira Maltin (Lm20.00) kull darba. Tispjega li l-ftit drabi li l-konvenut ħallas kien meta kienet tmur l-Għassa tal-Pulizija u l-konvenut kien jieħu ċekk maħruġ mill-kont ta' l-*partner* tiegħu l-Avukat Dr. Graziella Attard. Tgħid li hija taf li l-konvenut kien jaħdem f'diversi postijiet pero' ma tafx jekk kienx irreġistrat illi jaħdem. Tisħaq li mhux minnu li l-konvenut għamel snin iħallas il-manteniment u lanqas huwa minnu li hija għamlet xi ftehim mal-konvenut sabiex ma jħallasx aktar il-manteniment tat-tifla. Tgħid li hija rabbiet lit-tifla waħedha u li fis-sena 2016 bintha għalqet sittax (16) il-sena u li hija għamlet l-*O'Levels* u f'Ottubru 2016 bdiet tattendi l-MCAST iżda wara l-ewwel *term* waqfet, speċifikament f'Diċembru 2016. Tixhed li f'Jannar 2017 it-tifla għalqet sbatax (17) il-sena u ma komplietx tmur l-MCAST u bdiet tfittex xogħol u tgħid li t-tifla bdiet taħdem *full-time* f'Marzu 2017. Tgħid li l-konvenut darba kien qalilha li l-manteniment kien qed

ifaddalulha iżda huwa baqa' ma ħallas xejn minkejja li hija talbitu minħabba li dan suppost kien għat-trobbija tat-tifla.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 47 *et seq.*), Azzopardi tikkonferma li kien sar kuntratt ta' separazzjoni u tgħid li kemm ilu li sar il-kuntratt il-konvenut għaddielha l-manteniment tliet darbiet biss. Tispjega li l-ewwel darba kien meta sseparaw u tgħid li rċeviet tmenin Euro (€80.00). Tkompli tgħid li t-tieni darba l-konvenut kellu avukat li riedhom jagħmlu paċi u ħallsuha dakinhar iżda ma reġgħetx tħallset u t-tielet darba kienet meta rraportatu bil-Pulizija u hemmhekk kien għaddielha manteniment ta' ġimgħa. Dwar għalfejn ma ħaditx azzjoni kontra l-konvenut, tgħid li meta vverifikat il-konvenut kien qed jaħdem bla ktieb. Tikkonferma li ħadet passi bil-Pulizija. Tisħaq li mhux veru li rċeviet aktar pagamenti minn għand il-konvenut. Dwar il-fatt jekk il-konvenut kienx għad għandu obbligu li jħallas il-manteniment, tikkonferma li hija qatt ma rrinunzjat dan l-obbligu. Mistoqsija dwar il-fatt li kienet irrinuzjat għal dan il-manteniment minħabba li ma kinitx qed tħalli t-tifla tmur għand il-konvenut, tgħid li l-konvenut qatt ma kien imur jara t-tifla u li l-ewwel darba li kien mar għaliha kien ħadha lura wara nofs siegħa. Terġa' tikkonferma li ma kien hemm l-ebda ftehim li bih hija aċċettat li ma kellux jitħallas manteniment.

In kontro-eżami, li tkompla fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2022 (*a fol.* 71 *et seq.*), Azzopardi tgħid li toqgħod il-Fgura u tgħid li kienet toqgħod fi Triq il-Maċina, fl-Isla iżda ilha madwar ħmistax-il sena li ċċaqalqet. Tisħaq li hija rċeviet manteniment mill-konvenut tliet darbiet biss.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021, xehed ukoll **Bernard Zarb** (in rappreżentanza ta' *Jobsplus – a fol.* 29) fejn eżebixxa *employment history* tal-konvenut Leslie Vella u ta' Shania Vella li ġew immarkati bħala Dok. "BZ1" (*a fol.* 30 *et seq.*) u Dok. "BZ 2" (*a fol.* 32 *et seq.*) rispettivament.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021, xehed ukoll **Saviour Theuma** (in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali – *a fol.* 34 *et seq.*) fejn jispjega li ġie mitlub jagħmel riċerka dwar x'benefiċċji soċjali

rċieva l-konvenut Leslie Vella minn Jannar 2002 sa Diċembru 2017. Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "ST 1" (*a fol.* 36*)*. Eżebixxa dokument ieħor li ġie mmarkat bħala Dok. "ST 2" (*a fol.* 37 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021, xehed l-**Avukat Dr. David Camilleri** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn jikkonferma li l-konvenut kien klijent tiegħu u li xi tlettax il-sena qabel kien assistieh f'każ ta' separazzjoni personali. Jispjega li kienet saret skrittura bejn il-partijiet fejn il-mara rrinuzjat għall-manteniment jew għal parti minnu. Jgħid li dan ilu ħafna u diffiċli jiftakar sew. Jgħid li jista' jkun li kien għamel skrittura iżda jgħid li din ma ġietx iffirmata quddiemu. Jgħid li l-memorja tiegħu mhux ċara fuq dan il-punt.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, ġie ppreżentat affidavit tal-konvenut **Leslie Vella** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn jikkonferma li kien iżżewweġ lill-attriċi Doreen Azzopardi fit-18 ta' Ġunju 1999 u li minn dan iż-żwieġ kellhom tifla li twieldet fis-6 ta' Jannar 2000. Jgħid li sseparaw b'kuntratt tal-15 ta' Jannar 2002 u li huwa kien talab l-annullament. Jistqarr li fi żmien is-separazzjoni kien għaddej minn żmien ħażin u ma kienx stabbli għal dak li huwa impjieg u għalhekk kien ftiehem li meta jkollu dħul huwa jħallas manteniment għal bintu ta' għoxrin lira Maltin (Lm20.00) fil-ġimgħa. Jgħid li għamel żmien jaħdem u żmien bla xogħol u li kien ikollu numru ta' spejjeż xi jħallas b'lura b'konsegwenza li kien hemm żmien fejn sab diffikulta' iħallas il-manteniment. Jispjega li kien hemm ċirkostanza fejn kellu ammont pendenti u li l-attriċi għamlet rapport lill-Pulizija u li f'din iċ-ċirkostanza huwa kien ħallasha l-ammont kollu li kien pendenti u li l-mara tiegħu ddikjarat dan ukoll. Jgħid li kien perjodu fejn kien iħallas il-manteniment billi jgħaddi l-ħlas lil Avukat Dr. Graziella Attard u li sa fejn jiftakar hu hi kienet tgħaddiehomlha kemm *cash* kif ukoll b'ċekkijiet. Jixhed li fis-sena 2008 huwa reġa' waqa' lura fil-ħlas tal-manteniment u li skont huwa din id-darba qablu li l-ammont li kien dovut kien ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160.00) u li dan l-ammont kien ħallashom f'żewġ pagamenti li kien għaddiehom lill-mara tiegħu l-Avukat Dr. John Bonello. Jannetti kopja ta' ittra (Dok. "LV 1" – *a fol.* 61) li bagħat l-Avukat Dr. John Bonello. Dawn il-pagamenti saru a saldu. Jgħid li wara beda jgħaddi l-manteniment

lill-attriċi permezz ta' ommu sa ma meta bdiet taħdem bintu. Jisħaq li mid-darba li bagħat il-pagament l-Avukat Dr. John Bonello huwa dejjem ħallas dak li kien dovut.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 77 *et seq.*), Vella jispjega li ma jafx xi tfisser il-frażi "iddekadiet" li hemm fl-affidavit tiegħu u anqas ma jaf xi tfisser meta jgħid "a saldu". Jgħid li mhux hu kitbu l-affidavit. Iżda wara jgħid li kiteb biċċiet minnu u ffirma għalih. Jikkonferma li mis-sena 2008 l-attriċi la lmentat dwar il-manteniment u lanqas għamlet proċeduri oħra. Għad-domanda: *"Jiġifieri inti qed tgħid hawnhekk illi minn dakinhar 'l hawn, mit-two thousand and eight 'l hawn, qatt ma bagħtitlek ittra oħra, la b'avukat u lanqas għamlitlek xi rapport lill-Pulizija?"* (*a fol.* 81), wieġeb: *"Le ma jidhirlix li bgħatitli"* (*a fol.* 81).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2022, ġie ppreżentat affidavit ta' l-**Avukat Dr. John Bonello** (*a fol.* 68) fejn qal li l-konvenut Leslie Vella kien talbu jassistih fi kwistjoni li kellu dwar manteniment. Jgħid li fis-sena 2008 il-konvenut kien talbu jibgħat xi manteniment lill-attriċi u kkonferma li huwa kien bagħat l-ittra mmarkata bħala Dok. "X" (*a fol.* 69) u ċ-ċekk li jinsab fl-istess dokument. Jispjega li minn tfittxija li għamel fil-kompjuter tiegħu sab ittra oħra li kiteb għall-konvenut, liema ittra hija datata 12 ta' Marzu 2008 u li ġiet eżebita minnu u mmarkata bħala Dok. "Y" (*a fol.* 70).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-attriċi Azzopardi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha u tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Vella hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa tiegħu, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- l-attriċi u l-konvenut żżewġu fit-18 ta' Ġunju 1999;
- miż-żwieġ tal-attriċi u l-konvenut, fis-6 ta' Jannar 2000 twieldet tifla bl-isem ta' Shania (Dok. "A" – *a fol.* 24);

- il-partijiet isseparaw fil-15 ta' Jannar 2002 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Vella Haber (Dok. "A" – *a fol.* 4 *et seq.*);

- fi klawsola bin-numru ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet ftehmu li ma jitolbux manteniment għal xulxin u ftehmu wkoll li meta l-konvenut jibda jaħdem jew jibda jipperċepixxi xi forma ta' dħul huwa kellu jħallas is-somma ta' għoxrin lira Maltin (Lm20.00) (ekwivalenti għal sitta u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu – €46.59) kull ġimgħa għal manteniment tat-tifla Shania;

- tul is-snin il-konvenut kellu numru ta' impjiegi u dan jirriżulta minn Dok. "BZ 1" (*a fol.* 30 *et seq.*);

- permezz tal-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien, il-konvenut għadda żewġ pagamenti lill-attriċi: wieħed ta' mitejn Euro (€200.00) datat 9 ta' Frar 2008 (liema pagament sar akkont ta' somma akbar) (Dok. "X" – *a fol.* 69) u permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2008 jidher li ġie mgħoddi lill-attriċi l-ammont ta' mija u tlieta u sebgħin Euro (€173.00) (Dok. "Y" – *a fol.* 70), minn liema ittra jirriżulta li t-tieni pagament sar a saldu ta' kwalsiasi pretensjoni;

- fit-3 ta' Ġunju 2021 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex twaqqfu milli jikkonċedi d-drittijiet tiegħu fuq proprjeta' li tinsab Triq il-Polverista, Bormla.

Illi permezz ta' din il-kawża dak li qed titlob l-attriċi huwa li l-konvenut iħallas l-arretrati tal-manteniment dovut lilha għat-trobbija ta' binthom Shania mis-sena 2002 sas-sena 2017.

Illi minn naħa tiegħu l-konvenut jeċċepixxi s-segwenti:

- li l-konvenut waqaf iħallas il-manteniment bi qbil mal-attriċi;

- li l-azzjoni tal-attriċi hija preskritta;

- li l-attriċi ma kinitx korretta titlob il-manteniment għal perjodi li fihom binthom kienet taħdem u għal perjodi li huwa ħallas il-manteniment dovut;

- li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li saru *in mala fede*.

Illi l-Qorti ser tibda billi l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li jinsabu fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut.

**L-Ewwel (1) Eċċezzjoni**
**(Il-konvenut waqaf iħallas il-manteniment bi qbil mal-attriċi):**
Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, din l-ewwel (1) eċċezzjoni ġiet irtirata kemm fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 91) u kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 92 *et seq.*) tal-konvenut u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**It-Tieni (2) Eċċezzjoni**
**(Preskrizzjoni):**
Illi in segwitu ta' korrezzjoni li ġiet ordnata li ssir fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 100) jirriżulta li l-konvenut jeċċepixxi li l-azzjoni attriċi hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin u dana *ai termini* ta' Artikolu 2156(b) u (f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi s-sub-Artikoli in kwistjoni jgħidu hekk:

> "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
>
> [...]
>
> (b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;
>
> [...]
>
> (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra,

> meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."

Illi minkejja li l-partijiet f'din il-kawża huma legalment separati, il-Qorti tinnota li huwa paċifiku li tali separazzjoni ma titterminax ir-relazzjoni ta' żwieġ tagħhom. Stante li ma nġiebet l-ebda prova dwar azzjonijiet ulterjuri li setgħu ttieħdu mill-partijiet sabiex itemmu tali żwieġ, il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet xorta waħda għadhom miżżewġin. B'hekk il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid il-konvenut dwar it-terminu applikabbli tal-preskrizzjoni għax fil-fehma tal-Qorti l-artikolu applikabbli f'dan il-każ huwa Artikolu 2123(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi li l-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-raġel u l-mara.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Angiolino sive Lino Pace vs. Dr. Henry Antoncich et noe** (Numru 154/10) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Din il-Qorti pero' tirreferi għall-Artikolu 2123 (a) tal-istess Kodiċi Ċivili li jistipula li l-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-raġel u l-mara. Dan japplika anke jekk il-partijet ikunu separati kif tenniet is-sentenza fl-ismijiet **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo`** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2014. Kif qalet din is-sentenza is-separazzjoni personali, skont l-Artikolu 35 tal-Kodiċi, ittemm biss l-obligu tal-miżżewġin li jgħixu flimkien u allura l-Artikolu 2123(a) japplika ukoll f'sitwazzjonijiet simili. Din is-sentenza iccitat lil **Giorgi** jgħid li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni tapplika *'anche nel caso di separazione personale tra marito e moglie'*.
>
> Anke l-**Qorti ta' Kassazjoni Taljana** b'sentenza tal-1985 ikkonfermat dan u qalet li *"La prescrizione dei diritti dei coniugi non ha luogo durante l'matrimonio, ancorche i coniugi siano separati."* Tal-istess fehma huma awturi oħrajn bħal **Ricci**, **Pothier**, **Laurent** u **Trabucchi**. Dan ġie wkoll ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta fil-

kawża fl-ismijiet **Micallef v. Gravina** deċiża fid-29 ta' Mejju 2015".

Illi b'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Dikjarazzjoni li l-konvenut naqas mill-obbligi tiegħu li jmantni lill-bintu Shania bejn is-snin 2002 u 2017 minkejja li kien impjegat)</u>:**
Illi l-konvenut jisħaq li huwa ħallas dak kollu li kellu jħallas bħala manteniment għal bintu Shania u li l-attriċi qed titlob pagamenti li diġa' tħallsu jew inkella ma kienux dovuti minħabba li bintu kienet qed taħdem.

<u>Ħallas dak kollu li kien dovut</u>:
Illi l-Qorti tibda billi tgħid li min jallega jrid jipprova u li l-unika prova ta' ħlas li ġab il-konvenut huma ż-żewġ ittri li bagħat l-Avukat Dr. John Bonello f'ismu. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li dak li jgħid il-konvenut ġiet ippruvat biss sad-data ta' l-ittra tal-Avukat Dr. John Bonello. Meħud in konsiderazzjoni li t-tifla saret maġġiorenni fis-sena 2018 jirriżulta li hemm perjodu ta' żmien bla prova ta' ħlas.

<u>Xi pagamenti ma kienux dovuti minħabba li kienu diġa' tħallsu jew inkella ma kienux dovuti minħabba li bintu kienet qed taħdem</u>:
Illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. "A" – *a fol.* 4 *et seq.*) fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Vella Haber il-partijiet ftehmu kif kellhom jamministraw is-separazzjoni tagħhom u permezz ta' klawsola ħamsa (5) fil-kuntratt il-partijiet ftehmu s-segwenti:

> "Illi r-Raġel jiddekadi milli jitlob manteniment għalih mingħand il-Mara u l-Mara qegħda tiddekadi milli titlob manteniment għaliha mingħand ir-Raġel, iżda r-Raġel qiegħed jobbliga ruħu li minn meta jsib impjieg jew jibda jipperċepixxi introjtu huwa jivversa manteniment ta' għoxrin (Lm20) fil-ġimgħa għat-tifla Shania."

Illi, kif diġa' ingħad, mill-affidavit tal-Avukat Dr. John Bonello (*a fol.* 68) jirriżulta li l-konvenut kien għamel xi ħlasijiet lill-attriċi. B'mod partikolari l-aħħar pagament imsemmi f'ittra datata 12 ta' Marzu 2008 sar *"għas-saldu ta' kwalsiasi pretensjoni"* (Dok. "Y" – *a fol.* 70). Fil-kontro-eżami tagħha, l-attriċi tirrikonoxxi dan il-ħlas meta qalet: *"Jien niftakar li f'ħajtu tlett darbiet tani, fit-two thousand an thirteen meta isseparajna ma' Graziella Attard tatni xi ċekkijiet u din li qed tgħid inti ta' Dr. Bonello"* (*a fol.* 74). Bħala parenteżi, il-Qorti tinnota li ser tikkunsidra r-riferenza għas-sena 2013 bħala żball ġenwin minħabba li l-koppja sseparaw fis-sena 2002 u mhux fis-sena 2013!

Illi jirriżulta li l-pagamenti mwettqa minn l-Avukat Dr. Bonello ġew rikonoxxuti u ma jidhirx li l-attriċi pprotestat it-termini ta' dawn il-pagamenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Eriksonn Limited vs. Rook Construction Ltd** (Numru 193/2007) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Dwar l-import eżatt ta' kliem akkompanjanti ħlas jew ħlasijiet li naħa (il-pagant) tkun qed tgħid esplicitament u espressament li l-ħlas qed isir "per saldu" filwaqt li parti li qiegħda tirċievi, filwaqt li tinkassa l-flus, twieġeb li dan qiegħda tagħmlu jew għamlitu bla preġudizzju tal-ammont bilanċjali din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ deċiż fil-15 ta' Marzu 2002, fl-ismijiet "**St. George's Park Company Ltd vs. Eric Pace Bonello nomine**". F'din id-deċiżjoni, il-Qorti, fuq l-iskorta wkoll tad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "**Raymond Bonnici noe vs. Horace Tonna**", P.A. deċiż fl-24 ta' April 1992, u deċiżjonijiet oħrajn fiha ċitati in tema legali, irriteniet li fejn iċ-ċirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qiegħed iseħħ, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'għandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'riżervi li intrinsikament u neċessarjament huma nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu (hekk ara

wkoll is-sentenza fl-ismijiet "**W. Apap vs J. Gasan noe**" tal-Prim'Awla tal Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru 1986).

*"Huwa irrilevanti dak illi l-kumpanija attriċi kitbet fl-irċevuta illi bagħtet lura lill-kumpanija konvenuta wara li aċċettat il-pagament, peress illi kull ma imponiet fl-irċevuta ma kellux l-adeżjoni tal-konvenut u allura ma jikkostitwixxi ebda ftehim ulterjuri. Ir-rabta ġiet ikkompletata bejn il-partijiet meta l-konvenut bagħat il-pagament u kif huwa jippretendi li kien għas-saldu u l-kumpanija attriċi sarrfet dak iċ-cheque taħt il-kundizzjoni imposta mill-konvenut. Biex tista' treġġi l-pretensjoni tal-intimati illi huma għadhom intitolati li jitħallsu għall-bilanċ minnhom pretiż, huma jirrikjedu prova illi d-debitur, nonostante il-kundizzjoni li npona mal-pagament qabel illi jħalli miftuħa l-kwistjoni dwar il-bilanċ.""*

Illi stante li l-attriċi jidher li aċċettat dawn il-pagamenti hija għalhekk issanat l-pożizzjoni tal-konvenut sad-data tal-ittra tal-Avukat Dr. John Bonello ċioé dik tat-12 ta' Marzu 2008 (Dok. "Y" – *a fol.* 70) li huwa stess ikkonferma li kien bagħatha.

Illi l-argument l-ieħor imressaq mill-konvenut Vella huwa li huwa ma kienx obbligat iħallas manteniment meta t-tifla tiegħu kienet qed taħdem. Dan ir-raġunament jinkwadra ma' dak li jipprovdi Artikolu 3B(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

"L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:

(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time* u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew

> (b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ġialadarba bint il-partijiet kienet qed taħdem l-obbligu ta' manteniment da parte tal-konvenut Leslie Vella kellu jiġi interrott għal dak il-perjodu. Il-Qorti tinnota wkoll li mhux ta' fejda l-argument tal-konvenut li kien jibgħat l-manteniment ma' ommu stante li ma ngabet l-ebda prova dwar dan – lanqas imqar prova ta' ħlas permezz ta' ċekk jew xi forma ta' irċevuta!

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tilqa' limitatament l-ewwel (1) talba tal-attriċi Azzopardi billi tiddikjara li l-konvenut Vella naqas mill-obbligu tiegħu li jmantni lil bintu Shania iżda dan in-nuqqas jibda mid-data tat-12 ta' Marzu 2008 sa meta bintu saret maġġiorenni salv li jitnaqqsu dawk il-ġimgħat li fihom hija kienet qedtaħdem.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Likwidazzjoni tal-ammont ta' manteniment)</u>**
**<u>(Kundanna sabiex il-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat)</u>:**
Illi klawsola ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. "A" – *a fol.* 4 *et seq.*) jagħmilha li ċara li l-obbligu ta' manteniment da parte tal-konvenut Vella kien jidħol fis-seħħ meta l-konvenut kien ikun impjegat jew kien ikollu dħul.

Illi mid-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentant ta' *Jobsplus* (Dok. "BZ 1" – *a fol.* 30 *et seq.*) jirriżulta li mit-12 ta' Marzu 2008 il-konvenut kellu s-segwenti mpjiegi:

| | |
|---|---|
| xufier mill-5/3/2010 sad-9/3/2010 | ħamest (5) ijiem |
| *labourer* mis-17/11/2010 sal-11/3/2011 | 16-il ġimgħa u jumejn |
| xufier mill-11/4/2011 sas- 7/4/2017 | 2011: 37 ġimgħa u ħamest ijiem<br>2012: 52 ġimgħa<br>2013: 52 ġimgħa<br>2014: 52 ġimgħa<br>2015: 52 ġimgħa |

| | |
|---|---|
| | 2016: 52 ġimgħa<br>2017: 13-il-ġimgħa u ħamest ijiem |
| *installer* mill-10/5/2017 sal-20/7/2017 | 10 ġimgħat u ġurnata |
| **TOTAL** | **338 ġimgħa u 4 ijiem** |

Illi skont is-sommarju ppreżentat (Dok. "ST 2" – *a fol.* 38), il-konvenut irċieva benefiċċji soċjali għal 129 ġimgħa u dawn il-ġimgħat għandhom jiżdiedu mat-total preċedenti. B'dana illi t-total ta' ġimgħat li tulu l-konvenut kellu dħul kien is-segwenti:

| | |
|---|---|
| **TOTAL** | **467 ġimgħa u 4 ijiem** |

Illi t-tifla tal-partijiet, għal ta' lanqas għaż-żmien rilevanti għal dan il-każ, kienet impjegata fis-segwenti perjodi (Dok. "BZ 2" – *a fol.* 32 *et seq.*):

| | |
|---|---|
| *salesgirl* mit-18/7/2016 sas-17/8/2016 | 4 ġimgħat u jumejn |
| *sales assistant* mill-20/3/2017 sat-28/8/2017 | 23 ġimgħa |
| *cargo agent* mit-23/10/2017 sas-6/1/2018 | 10 ġimgħat u 5 ijiem |
| **Total** | **38 ġimgħa** |

Illi dan l-ammont ta' 38 ġimgħa jrid jitnaqqas mill-ammont ta' ġimgħat globali ta' 467-il ġimgħa u 4 ijiem imsemmija aktar 'il fuq li jħalli bilanċ ta' 429 il-ġimgħa u 4 ijiem. B'hekk ġialadarba skont klawsola ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet kellha titħallas bħala manteniment mill-konvenut għal bintu Shania s-somma ta' għoxrin Lira Maltin (Lm20) (ekwivalenti għal sitta u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59)) fil-ġimgħa, l-ammont dovut minnu bħala manteniment huwa dak ta' €20,013.73. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel (1) eċċezzjoni *stante* li din ġiet irtirata mill-konvenut;

2. Tiċħad it-tieni (2) u r-raba' (4) eċċezzjoni tal-konvenut;

3. Tilqa' t-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenut;

4. Tilqa' limitatament l-ewwel (1) talba tal-attriċi Azzopardi billi tiddikjara li l-konvenut naqas mill-obbligu tiegħu li jmantni lill-bintu Shania iżda dan in-nuqqas jibda mit-12 ta' Marzu 2008 sa meta bintu saret maġġiorenni salv li jitnaqqsu dawk il-ġimgħat li fihom hija kienet taħdem;

5. Tilqa' t-tieni (2) u t-tielet (3) talba tal-attriċi Azzopardi u filwaqt li tillikwida l-ammont li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi fis-somma ta' €20,013.73 dovuta kif hawn fuq spjegat, tikkundanna lill-konvenut Vella jħallas lill-attriċi l-ammont ta' għoxrin elf u tlettax-il Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€20,013.73) bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk mitluba fir-Rikors Maħluf tal-attriċi Azzopardi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**